# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija
# BURMARRAD

Tel: 21573045/ Fax:21578118
www. parroċċaburmarrad.com
email:kappillan@parroccaburmarrad.com

LEĦEN IL-PARROĊĊA - April 2011 - NRU. 343



Il-Paci Magħkom

Żmien ir-randan huwa żmien ta' riflessjoni u tajjeb li jkun dan iż-żmien biex nirriflettu fuq dak li naħsbu, nagħmlu u ngħidu, kif fuq kollox għamel Ġesu' Kristu, qabel beda t-triq tiegħu lejn il-passjoni. Għ aliex fil-ħajja tagħna meta tkun trid tagħmel xi ħaġa trid tkun ippreparat sewwa biex dak li tkun qed taħseb jista' jirnexxi sewwa u mhux tagħ mel l-affarijiet bl-għaġla.

Ġesu' għamel 40 jum fid-deżert fis-sawm, talb u penitenza, imma wara dawn l-40 jum niżel minn hemm biex jibda t-triq tiegħu. Inti kemm il-jum qed tagħmel fid-dezert! Jew għadek hemm taħseb x'ser tagħmel? Mela jekk għadek hemm fuq, fittex inżel u ibda l-mixja tiegħ ek flimkien ma' Ġesu għax hekk tista' tasal x'imkien. Biex tagħmel dan ma tridx toqgħod tħares lejn il-konsegwenzi imma ibda t-triq u ħalli lill-Mulej imexxik huwa fil-ħajja tiegħek, għaliex mingħajru ma inti xejn. Kif ukoll tħallix lil ta' madwarek jikkundizzjonawlek ħajtek għaliex tispiċċa biex ma tagħmel xejn u titkisser inti u tkisser lil ta' madwarek. Mela jekk inti temmen verament f'dak li inti qiegħed jew qiegħda tagħmel ħ ares 'il quddiem u imxi, tiddejjaqx mill-ostakli li ssib fil-ħajja għaliex dawk jgħallmuk tkun iżjed karattru sod. Ħares lejn Ġesu'; qatt ma rega' ħares lura, anke meta waqa' qam u baqa' miexi . Allura, inti, għ aliex taqta' qalbek!

Din il-mixja trid twaslek għal qawmien tiegħek fil-ħajja tiegħek, twasslek biex tqum mal-Mulej Ġesu' fl-aħħar jum. Tgħinek tasal fil- ħ ajja ta' dejjem u tieħu premju fl-aħħar jum. Ġesu' lil Marta qalila: '*inti temmnu dan*' u hija rrisponiet '*iva*'. Mela jekk inti verament temmen f'dak li qed tagħmel ħalli l-ħarsa tiegħek f'għajnejn il-Mulej u taqtax qalbek, mid-deżert aħna wkoll irridu naslu għal qawmien, għall-Għid il-Kbir fejn flimkien niċċelebraw il-festa tant sabiħa u għażiża għal kull nisrani fil-ħajja tiegħu.

Wara dawn l-40 jum jiġi żmien sabiħ fejn fil-Knisja jkun hemm ħafna funzjonijiet sbieħ; jekk inti temmen verament, tajjeb li tattendi għalihom. Dan ma tagħmlux biex jarawk in-nies u jgħidu li attendejt għall-funzjonijiet kollha għax aħna m'aħniex Farizej. Nattendi għall-funzjonijiet għaliex jiena nemmen verament fil-fidi tiegħi kif ukoll fil-ħajja nisranija li jiena nħaddan u għax huwa ta' ġid spiritwali. Mela tonqosx li tieħu sehem f'dawn l-attivitajiet li jsiru fil-parroċċa tagħna. L-Għid it-tajjeb lil kulħadd. Tkunu imberkin

P. Donald. M. Bellizzi OFM. Conv - Kappillan

# Kalendarju April

**Il-Gimgħa 1:** L-aħħar jum ta' eżerċizzi għal-miżżewġin fil-Knisja fis-7.00pm.
L-aħħar laqgħa ta' eżerċiżżi għaż-żagħżagħ fit-8.30pm fiċ-ċentru parrokjali Sant Antnin.

**Is-Sibt 2:** Adorazzjoni b'riparazzjoni għall-offizi li jsiru lill-Qalb ta' Ġesu' u l-Qalb ta' Marija fil-5.00pm fil-knisja.

**Il-Ħadd 3:** **Ir-raba' Ħadd tar-randan.** Via Sagra Għawdex fuq l-Għolja ta' l-Għammar f'ta' Pinu. Nagħmlu Via Sagra, quddiesa u wara immorru nieklu flimkien. Tluq fis- 7.30am minn fejn l-knisja.

**It-Tnejn 4 sal Gimgħa 8:**
Eżerċizzi għal kulħadd fil-knisja minn Fr Roy Galdes fis-6.15pm

**It-Tnejn 4 u It-Tlieta 5**: Ezerċizzi għat-tfal ta' eta' 9, 10, 11 fiċ-ċentru parrokjali Sant Antnin fil-5.30pm. Jiprietka il-Kappillan.

**L-Erbgħa 6 u Ħamis 7:** Ezerċizzi għat-tfal ta' eta 5, 6, 7, 8 fiċ-ċentru parrokjali Sant Antnin fil-5.30pm. Jiprietka il-Kappillan.

**L-Erbgħa 6:** Pellegrinaġġ għar-Redentur ta' l-Isla, fejn niċċelebraw l-Ewkaristija flimkien. Wara immorru nieħdu xi ħaġa. Tluq minn fejn iż-żuntier fid- 8.45am.

**Il-Gimgħa 8**: Ezerċizzi għat-tfal kollha tad-duttrina fejn sejjer ikollhom quddiesa mill-Kappillan fiċ-ċentru parrokjali Sant Antnin fil-5.30pm.

**Is-Sibt 9:** Dramm tal-passjoni, bit-tema' "Ejja Warajja" imtellha miż-żagħżagħ u komunita' ta' Burmarrad. Din isir wara l- quddiesa tas-6.15pm.

**Il-Ħadd 10:** Laqgħa tal-Gruppi Familji Insara fil-Kunvent 10.30am.

**It-Tlieta 12:** Il-Kummisjoni Liturgika sejra ittellha iċ-Ċelebrazzjoni tal-Ikla Lhudija fiċ-Ċentru Parrokjali Sant Antnin, wara l- Quddiesa ta filgħaxija. Huwa mument sabiħ fejn fiħ flimkien ngħixu dawk il-mumenti li l-poplu Lhudi stess għex qabel ma ħareġ mill-Egittu u baqa' ifakkar

dan iż-żmien. Il-prezz għal din l-ikla huwa ta' 5 euro. Min jixtieq jagħmel din l-esperjenza jagħti ismu lil Kappillan. Tħallux għal aħħar.



**L-Erbgħa 13:** Fis-6.15pm Corda Pia. Ċelebrazzjoni li fiha niftakkru b'mod ħaj il-Passjoni ta' Sidna Ġesu' Kristu u l-għoti tal-Pjagi lill-Patrijarka Missierna San Franġisk.

**Il-Gimgħa 15: Tifkira ta' Marija Addolorata**. Fil-5.10am Ruzarju, 5.30 Quddiesa; 6.00am Ruzarju, 6.15 Quddiesa; 12.10pm Ruzarju, 12.30pm Quddiesa speċjalment għall- ħaddiema. 6.30pm Reċita tas-Seba duluri ta' Marija, 7.00pm Quddiesa bil-ħsieb fuq Marija Santissima, animata mill-kor Ħlewwa ta' Marija. Wara toħroġ il-purċissjoni fejn jingħ ad ruzarju Meditat. Il-purċissjoni ser tgħaddi minn: Triq Burmarrad, Triq id -Dwieli, Triq l-Insolja, Triq Manwel Bonnici, Triq San Pawl Milqi, Triq il-Ġdida fi triq Magħsar, Triq Burmarrad lura għall-Knisja. Wara l-purċissjoni issir quddiesa oħra, fil-parroċċa bil-ħsieb fuq id-Duluri ta' Marija Santissima animata ukoll bil-kant. Tajjeb li minn fejn tgħaddi l-purċisjoni nixgħelu gallariji/twieqi.

**Is-Sibt 16:** Via Sagra Kantata **"Ikun li Trid Int" It-triq tas-salib**. Imtgħella mil-Kor tal-Parroċċa taħt id-direzzjoni tas-surmast Rodney Zammit. Ħin wara l-quddiesa ta' filgħaxija. Jekk trid tgħix dak li għadda Kristu fil-Passjoni b'mod differenti ejja u isma.

**Is-Sibt 16 u Ħadd 17**: Bazaar fis-sala tal-kunvent

**Il-Ħadd 17: Ħadd il-Palm.** Prezentazzjoni tat-tfal li din is-sena sejrin jagħmlu l-Ewwel Tqarbina u l-Grizma waqt il-Quddiesa tat-8.30 ta' filgħodu.

**It-Tlieta 19:** Via Sagra f'Burmarrad . Din is-sena sejra ssir fi triq Manuel Bonnici. Inħeġġeg speċjalment lil min joqgħod f'din it-triq biex jipparteċipa f'din il-Via Sagra.

**L-Erbgħa 20:** Via Sagra Nazjonali.

***Il-Ħamis 21*:** Fit-8.30pm Siegħa Adorazzjoni animata mill-kummisjoni Liturgika u Letturi. Fid-9.00pm Seba Visti fil- Knejjes. Din is- sena sejrin immorru f'dawk taż-Żejtun, Qrendi, u l-inħawi tal-madwar.

**Il-Gimgħa 22: Il-Gimgħa Kbira:** 7.15am Talb Komunitarju mal-Komunita' tal-Patrijiet. 8.00 – 9.00am Adorazjoni animata; 9.00 – 10.00am adorazjoni animata mil- Kummisjoni Liturgija u Letturi; 10..00 – 11.00am adorazjoni animata mil-kummisjoni tfal għat-tfal tal-parrocca; 11.00 – 12.00pm adorazzjoni animata mil-Pre Youths u żagħżagħ tal-parrocca; Fis-2.30pm Ħsibijiet fuq il-passjoni ta' Sidna Ġesu' Kristu; 3.00pm Ċeleb- razjoni tas-salib animate mil-korijiet tal-parroċċa.

**Is-Sibt 23: Sibt il Għid** 7.15am Talb Komunitarju mal-komunita tal-patrijiet 8.00pm Ċelebrazjoni mil-Komunita' tal- Patrijiet, bis-sehem tal -korijiet tal-parroċċafejn niċċelebraw l-Għid tal-Mulej.

**Il-Ħadd 24: Ħadd il Għid:** Il-Quddies ikun bħal dak tas-soltu. Wara quddiesa tat-8.30am fuq iż-żuntier tal-knisja ikun hemm it-tberik tal-figolli u bajd tal-Għid.

**Is-Sibt 30:** Ħarga għat tfal. Dettalji iżjed tard, tirċievu karti bħas -soltu.

# *Id-Dittatur*

Bħalissa kull x'ħin niftħu t-televiżjoni jew ir-radju nisimgħu dwar il-pajjiż tal-Libja, li għal snin twal kien immexxi minn dittatur. U bir-raġun aħna nistgħaġbu u nistmerru din it-tip ta' tmexxija u nħossu għal tant u tant persuni bħalna illi ħajjithom kellhom igħixuha mwerwrin, imbeżżgħin u kkontrollati.

Nistagħġeb ukoll sa fejn jista' jasal il-bniedem biex jibqa' fil-poter; biex jibqa' jħossu aqwa minn ħaddieħor; biex jibqa' jikkontrolla lil ħaddieħor! U f'dan kollu ukoll ma nistax ma nirriflettix jekk bl-attitudni tiegħi jien ukoll kienx hemm drabi meta kont dittatur. Nirrifletti wkoll dwar dawk id-drabi meta jien ħassejt li ħaddieħor mexa ta' dittatur miegħi! Nistħajjilkom tgħidu din x'inhi tgħid, qed toħlom jew?

***Tkompli wara***

*Id-Dittatur tkompli...*

Imma jien żgur kien hemm drabi meta pretendejt jew stennejt li ħaddieħor jagħmel dak li ngħid jien mingħajr ma joqgħod jistaqsi kif u għaliex. Naħseb ġieli kien hemm drabi meta għamilt ir-regoli jien u pretendejt li dawk fil-familja tiegħi għandhom jimxi magħhom mingħajr ma joqogħdu ġejjin bid-dgħajsa. Forsi fuq il-post tax-xogħol tiegħi kien hemm drabi meta 'l dawk ta' taħti pretendejt iż-żejjed minnhom u ma tajthomx ċans jesprimu l-opinjoni tagħhom jew isemmgħu il-vuċi tagħhom. U dan għamiltu għax konxjament jew inkonxjament jien ħsibt li jien aħjar minn ħaddieħor; jien ħsibt li nifhem aktar; li naf aktar! Irridu noqogħdu attenti minn din l-attitudni anki ma' uliedna stess. Iż-żminijiet inbiddlu u jkun iblah dak illi jibqa' jgħix fil-passat. Illum nafu ħafna aktar dwar il-metodi ta' trobbija milli kienu jafu l-ġenituri tagħna. Il-metodi ta' dixxiplina li l-ġenituri tagħna użaw magħna mhux dejjem u kollha għadhom jgħoddu għal-lum. Illum it-tfal għandhom ħafna stimulazzjoni mid-dinja ta' madwarhom – logħob, internet, televiżjoni – dan ifisser li huma ser jistaqsu aktar u għalhekk illum ftit huma dawk it-tfal li se jagħmlu dak li jgħidulhom il-ġenituri tagħhom jew l-għalliema tagħhom mingħajr ma jistaqsu r-raġunijiet għal dan.

Jista' jkun li ġieli kont dittatur mas-sieħeb jew is-sieħba tiegħi ukoll. Kull meta niddeċiedi jien u ma ninkludix lil marti/żewġi fid-deċiżjonijiet inkun qed nimxu ftit bħad-dittatur, ma taħsbux? Ikun hawn min bħalissa qed jgħid imma issa aħna hekk drajna u marti/żewġi qatt ma qal/qalet xejn. Anki l-poplu Libjan dam ħafna biex stenbaħ u protesta kontra d-dittatur, iżda darba stenbaħ ara x'għawġ inqala' fil-pajjiż!

Umbagħad faqqgħet il-Gwerra! U dan kollu għax xi ħadd ried jikkontrolla hu!

Mela nispera li aħna nkomplu nirriflettu dwar dak li qed jiġri madwarna u nitgħallmu minnu biex fil-familji tagħna, fil-postijiet tax-xogħol tagħna u fil-kommunita' li ngħixu fiha ikun hawn tassew rispett lejn opinjonijiet differenti, lejn ideat varji u kulħadd iħossu li jista' jsemmi l-vuċi tiegħu anki jekk din ma tkunx taqbel ma' tal-bqija. Jekk aħna ma naħdmux biex nibnu dawn it-tip ta' relazzjonijiet inkunu fuq skala iżgħar qed nixbħu d-dittatur u milli qed naraw fil-Libja dan ma hu tajjeb għal ħadd!

Daniella Zerafa

# Miet taħt Ponzju Pilatu

Meħuda mill-ktieb

***L-Istejjer tal-Patri*** ta' Patri Piju Sammut

Ir-Russja. Il-gwerra ċivili ta' l-1919. Mara b'zewġt itfal inqabdet f'belt li kienet għadha kif għaddiet f'idejn l-Armata l-Ħamra. Billi r-raġel tagħha kien uffiċjal għoli fl-Armata l-Bajda, hija u ż-żewg uliedha staħbew fi dwejra zgħira fit-tarf tar-raħal bit-tama li ħadd ma jsir jaf li hija qiegħda hemm. Imma malli beda jidlam xi ħadd ħabbat fuq il-bieb. Qalbha għamlet tikk. Fetħet il-bieb imwerwra. Kien hemm mara żagħżugħa ftit jew wisq l-istess eta' tagħha: *"Aħrab malajr. Xi ħadd ittradiek. Ġejjin dan il-lejl għalik. Joqtluk żgur."* Din il-mara tħawdet, ma kinietx taf x'se taqbad tagħmel: *"Ma nistax naħrab aktar. Jagħrfuni mill-ewwel. B'żewġt itfal kemm nista' mmur 'il bogħod?"* Il-mara żagħżugħa fil-bieb, li sa dak il-ħin kienet biss ġara tagħha għax kienet toqgħod bieb ma' bieb magħha…..għamlet pass kbir 'il quddiem: saret proxxmu. Saret Vanġelu….aħbar tajba ta' l-imħabba ta' Alla. Qaltilha: *"Mur! Noqgħod jien minflokok." "Imma joqtluk għax jaħsbuk jiena." "Naf",* qalet il-mara*, "imma jien m'għandix tfal. Inti mur."* U l-omm marret….

Il-mara żagħżugħa baqgħet hemm fid-dlam tistenna….Setgħet titlaq hi wkoll. Imma baqgħet. Min jaf liema ħsibijiet għaddew minn moħħha dak il-lejl. Tgħid se mmut għalxejn? Ma kien hemm ebda tweġiba. Skiet. Kesha. Dlam. Sakemm….is-suldati ġew, faqgħu il-bieb, lanqas indenjaw iħarsu lejha jew ikaxkruha barra. Sparawlha hemm ġew. Qatluha ma' sbiħ il-jum… Kien jisimha ThereseAnn.

Elfejn sena ilu kien hemm wieħed raġel, xi ftit jew wisq l-eta' ta' ThereseAnn, li hu wkoll, għamel lejl sħiħ jistenna l-mewt. Ġnien mudlam. Sħabu kollha reqdin. Waħdu. Ma kien hemm l-ebda raġuni għala għandu jmut. Kien żagħżugħ, b'saħħtu, ma kien għamel xejn ħażin. Min jaf liema ħsibijiet għaddew minn moħħu. Tgħid se mmut għalxejn? Seta' jaħrab. Imma baqa' hemm…Baqa' hemm fil-qalba ta' l-istorja. Fil-qalba tat-traġedja tal-bniedem. Sakemm ġew ruxxmata suldati. Sakemm ġie ħabib tiegħu u ttradieh b'bewsa. U beda proċess sħiħ ta' torturi, bżieq f'wiċċu, tgħajjir, żeblieh, xewk, kundanna, salib, mewt.



## Għal min dan kollu? Iva……. Iva, għalik, għalija……...

***J'Alla l-Imħabba t'Alla manifestata fil-Mewt u l-Qawmien ta' Ibnu Sidna Gesu' Kristu timlielek qalbek bil-hena f'dawn il-Festi ta' l-Għid.***

# Gurnata Kulturali gewwa Sqallija

## L-Erbgha 18 ta' Mejju 2011



**Bil-Catamaran il-Ġdid - Jean de la Vallette
Inzuru: Is-Santwarju tal-Madonna tad-Dmugh, Auchan –Melilli u Ortigia, Id-Duomo, Il-Funtana Aretusa, Il-Funtana Archimede/Diana**

## X'JINKLUDI:

- **Vjagg bil-Catamaran Jean de la Vallette tal-Virtu Ferries lejn Pozzallo**
- **Coach privata l-gurnata kollha maghna**
- **Inzuru s-Santwarju tal-Madonna tad-Dmugh ghad-devozzjonijiet personali u nassistu ghall-Quddiesa**
- **Xiri mill-Auchan Hypermarket ta' Melilli**
- **Eskursjoni lejn Ortigia fejn naraw: Il-Funtana Archimede, Il-Funtana Aretusa u d-Duomo**
- **Direttur Spiritwali: Fr. Donald Bellizzi**
- **Servizz ta' Tour Leader t'esperjenza**








## Prezz

| | |
|---|---|
| **Kbar** | **€98** |
| **Tfal taht l-14-il sena** | **€51** |
| **Tfal taht l-4 snin** | **B'XEJN** |